MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 57/2010

**Rausi Co Ltd**

**Vs**

**Gabriella Ellul et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2010, fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannat thallas is-somma ta' elf mija tlieta u sittin ewro u hmistax-il centezmu (€1,163.15) prezz ta' merca lilha mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali (166A) numru 2199/09.

Il-konvenuta pprezentat risposta fit-18 ta' Frar, 2010 wara li kienet debitament notifikata fejn eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-raguni illi fl-ewwel lok ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta stante illi l-konvenuta qatt ma kkontrattat mas-socjeta attrici. Fit-tieni lok il-konvenuta ma xtratx, u lanqas giet ikkonsenjata lilha ebda merca kif indikat fit-talba attrici. Konsegwentement il-konvenuta ma ghandha tghati xejn lis-socjeta attrici u ma ghandha tbati ebda spejjez.

Xehdet Claudia Grech li hija l-credit fixed controller tas-socjeta' attrici li esebiet tlett dokumenti li huma zewg invoices u statement tal-bilanci li juru l-ammont totali dovut. Qalet ukoll illi hemm credit notes ukoll favut Gabriella Ellul li jirrizultaw fl-istatement ipprezentat u mmarkat bhala Dok A. Spjegat illi meta d-direttur tal-kumpanija kien jitkellem ma Alex Ellul, Ellul kien dejjem jghidlu illi kien qed jistenna l-klijenti minn barra imma dawn baqgha ma waslux. Kien jghidlu wkoll illi l-ordni saret fuq Gabriella Ellul. Pero din ix-xhud qalet illi minkejja li l-order kienet fuq Gabriella Ellul din kien talabha Alex Ellul.

Din ix-xhud spjegat illi dawn id-dokumenti juru l-firem ta' Alex Ellul u x-xoghol kien accettah Alex Ellul. Il-prassi hija li meta klijenti ma jhallsux kunsinna jiffirmaw ghaliha fuq ir-ricevuta li rcevewha.

Wara kien intalab il-kjamat in kawza Alex Ellul li eccepixxa l-preskrizzjoni kif ukoll ecepixxa bla pregudizzju ghal dan it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-raguni illi fl-ewwel lok ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta' attrici u l-Kjamat in kawza stante illi l-kjamat in kawza qatt ma kkuntratta mas-socjeta attrici. Fit-tieni lok il-kjamat in kawza ma xtarax u lanqas giet ikkonsenjata lilu ebda merca kif inidikata fit-talba attrici u konsegwentement il-kjamat in kawza ma ghandu jghati xejn lis-socjeta' attrici.

It-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Sussegwentament wara s-sentenza preliminari tat-Tribunal u cioe' fit-13 ta' Settembru, 2013 sa llum il-konvenuti la dehru u lanqas prezentaw xhieda biex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom.

Ghalhekk it-Tribunal ikollu jistrieh fuq il-provi li kienu gabu l-partijiet qabel is-sentenza preliminari.

Il-fatt illi l-kjamat in kawza kkonferma l-firma fuq l-invoices hija tieghu hija konferma illi hu rcieva l-affarijiet. Jaf ukoll illi l-affarijiet kienu fuq ismu. Kien inutili illi l-kjamat in kawza gab l-iskuza fjakha illi hu kien iffirma fuq invoice cash sale ghaliex meta oggett jitwassal u jkun cash sale l-ircevuta tinghata lil klijent minghajr il-htiega ta' firma.

Ghal dawn ir-ragunijiet u motivi u peress illi l-invoices jinsabu fuq isem Gabriella Ellul, it-Tribunal jaqta u jiddecidi dan il-kaz billi jilqa' it-talbiet attrici ghal ammont ta' elf mija tlieta u sittin ewro u hmistax-il centezmu (€1,163.15) u jikkundanna lil konvenuti Gabriella Ellul u Alexander Ellul sabiex in solidum bejnithom ihallsu s-somma ta' elf mija tlieta u sittin ewro u hmistax-il centezmu (€1,163.15) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti Gabriella Ellul u Alexander Ellul.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------